MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Numru. 106/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Rebecca Fenech, bint Mario u Monica nee` Grech imwielda fit-08.07/1994 u li toqghod, 93 Ariana, Triq Margaret A. Murry, Naxxar detentrici tal-karta tal-identita 297894M**

**Emmanuel Borg iben Ninu u Filippa nee` Attard imwied fil-21/06/1956 u li joqghod Binja Hesri, Ent C, Fl 1, Triq Dun Antón Vella, Siggiewi.**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta’ Settembru 2012 ghal habta tal-22:15 hrs gewwa Robvic, Triq Mons. Cilia Haz-Zebbug u fil-jiem u xhur ta’ qabel dik id-data, f’hinijiet differenti gewwa dawn il-gzejjer, kellhom fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienuux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew ifornu d-droga ‘msemmija u meta ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil Emmanuel Borg u lil Omissis wahedhom gew akkuzati talli nhar it-30 ta’ Settembru 2012 ghal habta tal-22:15hrs gewwa Robvic, Triq Mons. Cilia Haz-Zebbug u fil-jiem u xhur ta’ qabel dik id-data, f’hinijiet differenti gewwa dawn il-gzejjer, kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta Cannabis kollha jew bizca minnha bi ksur ta’ Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Omissis

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati u fil-konfront tal-imputata Rebecca Fenech il-fatt li hija qeghda issegwi program ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat fil-konfront ta’ Emanuel Borg l-artikolu 8(a) Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u fil-konfront ta’ Rebecca Fenech Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li huwa ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ Dok RA6.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------